***PROVA TA' FTEHIM – PERMESSI GHAT-TROBBIJA***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Frar, 2001**

**Kawza Numru: 11**
**Citazzjoni Numru: 2/94/RCP**

**Michael Seychell**

**vs**

**Ministru ghall-Ikel, Agrikoltura Sajd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat il-libell a fol 2 u 3 tal-process.

Rat ir-risposta tal-libellat a fol 6 u 7 tal-process.

Rat id-dokumenti ezebiti ma l-istess risposta.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Gunju 1994 u tat-30 ta' Novembru 1994.

Rat in-nota tal-libellant li permezz taghha esebixxa ghaxar dokumenti.

Rat in-nota ta' Michael Seychell a fol 50 tal-process fejn gie ezebit l-affidavit tal-libellant.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 t'April 1995; tat-22 ta' Novembru 1995; tad-9 t'Ottubru 1996 fejn giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Nadia O'Flaherty.

Rat ir-rikors tal-libellant u d-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Ottubru 1996 fejn gie revokat *contrario imperio* d-digriet tad-9 ta' Ottubru 1996 u gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr Emmanuel Buttigieg sabiex jisma' l-provi f'dan il-libell.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fil-5 ta' Frar 1997; fis-16 t'April 1997; fit-12 ta' Mejju 1997; fit-13 ta' Gunju 1997; fl-20 ta' Ottubru 1997; fis-17 ta' Novembru 1997; fil-21 ta' Jannar 1998; tal-20 ta' Frar 1998; tat-13 ta' Marzu 1998; tat-22 ta' Ottubru 1998; tas-17 ta' Novembru 1998; tad-19 ta' Jannar 1999; tal-5 ta' Lulju 1999; tat-13 ta' Settembru 1999; tad-19 ta' Ottubru 1999; u tad-19 ta' Novembru 1999 fejn il-partijiet iddikjaraw illi m'ghandhomx provi aktar.

Rat il-verbal tas-seduti tat-30 ta' April 1997; tal-15 t'Ottubru 1997; tas-26 ta' Jannar 1998; tal-24 ta' April 1998; tat-23 ta' Novembru 1998; tad-19 t'April 1999; tas-6 t'Ottubru 1999; tal-4 ta' Frar 2000; tas-26 ta' Mejju 2000; tas-17 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-14 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. IL-MERTU TA' L-AZZJONI ODJERNA

Illi l-libellant qed jallega li huwa kellu ftehim mad-Dipartiment tal-Biedja li jallokalu l-kwota ta' 200 ras majjal ghat-trobbija, u li l-libellat ma onorax dan il-ftehim, u ghalhekk qed jghid li l-libellat jigi kkundannat sabiex jikkonforma ruhu ma l-istess ftehim u b'hekk jigu ordnati sabiex jinhargu l-licenzji relattivi lill-libellant ghall-istess kwota; illi l-istess libellant allega wkoll li kien hemm ftehiem mal-Gvern li meta gew distrutti l-baqar tal-halib tal-esponent, huwa kellu jerga jigi allokat l-istess kwota ta' baqar li kellu qabel, inforza tal-istess ftehim mal-Gvern dwar il-bini tar-razzett.

Illi l-libellat ikkontenda li l-permess li jinzammu l-baqar, gie mibdul f'wiehed li jzomm u jrabbi majjali f'April 1987 fi kwota ta' 26, u b'zieda ta' 22 ohra fil-15 ta' Frar 1991, b'dan li tal-baqar ircieva kumpens. Illi *di piu`* l-libellant trasferixxa illegalment parti sostanzjali mill-kwota tal-majjali li kellu lill-terzi.

## B. <u>Il-Provi Prodotti</u>

Illi l-libellant spjega fil-libell tieghu illi hu kien inghata l-permess fuq *farm* li nbena f'Bulebel iz-Zghir ghal mill-anqas mitejn majjal, izda meta wara gie biex jinghata l-kwota tieghu din giet ridotta ghal 48 majjal, minghajr ebda raguni valida. Illi inoltre hu jsostni li kellu l-licenzja biex irabbi l-baqar tal-halib, li minhabba marda infettiva li misset il-baqar kollha, fuq struzzjonijiet tal-Gvern kellu joqtol il-bhejjem kollha, u meta gie biex jerga' jiehu lura l-baqar, dan gie nnegat lilu. Inoltre` hu nghata wkoll *grant* governattiv ta' sitt elef lira (Lm6000) u hu hareg mill-but tieghu madwar ghoxrin elf Lira. Illi hu qed jallega li huwa kellu jnehhi t-trobbija ta' 48 majjal ghax ma kienux ekonomikament fattibbli peress illi l-*overheads* kienu superjuri ghal dak li seta' jikteb. Kwindi hu ghamel il-kawza sabiex (i) jinghata l-licenzja mehtiega, u jigi allokat il-kwota spettanti lilu kif miftiehem mad-Dipartiment tal-Biedja; (ii) jinghata lura l-kwota li tmissu ghat-trobbija tal-baqar tal-halib.

Illi l-libellat, min-naha tieghu, irrisponda li minn Gunju 1983 il-libellant kellu permess izomm 60 majjal, u li l-allokazzjoni ghal farm ma kienitx dipendenti fuq l-ammont tal-grant governattiv. Illi originarjament il-libellant kellu permess li jzomm u jrabbi baqar, izda mbaghad gie permess lilu li jzomm u jrabbi majjali, f'April tal-1987 bi kwota ta' 26 u b'zieda ohra ta' 22 fil-kwota fil-15 ta' Frar 1991. Illi ghalkemm hu minnu li hu ma thallix jiehu lura l-baqar pero` hu thallas kumpens xieraq u adegwat. Skond il-libellat minn snin ilu hija l-politika tal-Gvern li ma johrogx izjed licenzji u/jew kwoti ghal-trobbija ta' majjali jew baqar tal-halib. Inoltre`, l-allegazzjoni kienet li l-libellant ittrasferixxa illegalment parti sostanzjali mill-kwota li kellu lil terzi.

Illi **Michael Seychell** in kontro-ezami, rrisponda illi hu l-ircevuti in konnessjoni mal-bini u ristrutturazzjoni tal-farm ma sabhomx. Hu qatt ma kellu sebghin majjal f'daqqa. Illi hu sa kellem lill-Prim Ministru li qallu li minhabba l-produzzjoni tal-majjali ma setax jaqdih. Ghar-rigward tal-kwota li giet trasferita lil terzi hu qal li kien biegh il-majjal. Kien wara li skopra li l-kwota daret fuq Axisa minghajr ma ffirma xejn. Hu ma kienx jaf ir-regolamenti. Sussegwentement hu, biegh il-majjali u l-kwota bil-permess mid-Dipartiment koncernat.

Xehed ukoll id-Direttur tas-Servizz Veterinarju, **Dr Carmel sive Lino Vella**. Illi ghal dak li huma baqar l-ahhar *records* huma fi Frar 1980. Fil-farm ta' Michael Seychell kien instab li xi baqar kellhom *vucellosis* u b'hekk la seta' jbiegh u

lanqas jixtri.  Pero` l-licenzja tal-proprjeta` tal-baqar ma taqax taht id-dipartiment tieghu, u kwindi ma setghax jivverifika mill-file tieghu dwar jekk inghatax xi kumpens. Fis-seduta ta' wara qal li ma kienx hemm dritt ta' l-ebda kumpens.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-majjali hu spjega li fi Frar 1983 is-Servizz Veterinarju ghamel *inspection* fuq ir-razzett u nforma lil 'Comino Pig Breeding Company' li Seychell kellu post biex izomm ghoxrin majjal.  F'Gunju 1983 saret *inspection* ohra u nfurmaw lil MDC li seta' jkollu sa sittin majjal.  Fi Frar 1985 l-MDC gew infurmati li seta' jkollu mitejn.  Ix-xhud spjega ghaliex l-MDC kienet tigi nfurmata – l-ghotja minn Kemmuna kienet marbuta max-*shareholding* illi kellhom fil-Comino Pig Breeding Company.

Fil-kaz odjern, kienu thallsu biss 300 'B' shares li kienu ekwivalenti ghal sittin majjal jigifieri minn Kemmuna setghu jinxtraw biss sittin majjal.  Hu qal li qatt ma kien hemm ftehim mad-dipartiment li ried jinghata 200 majjal.  Id-dipartiment kien jinforma lil Comino Pig Breeding Company kemm ir-razzett seta' jesa' u mbaghad johrog il-permess biex jinghataw skond is-*shareholding* illi kellu l-produttur ma Kemmuna.

Illi f'Dicembru 1985 il-licenzja tieghu giet irtirata peress li m'obdiex ir-regolamenti tas-Servizz Veterinarju u biegh majjali minghajr permess.  Fin-1987, hu nghata kwota ta' 20 mill-Ministru (Dok XXI a fol 103) ekwivalenti ghall-26

majjal ghall-qatla.  Inoltre` il-Ministru rega' tah kwota ta' 26. Dan sal-1991.  F'Jannar u Frar 1993 biegh il-kwoti lil zewg individwi (fol 114 tal-process).

Ix-xhud qal li l-kwota hija dritt tal-Gvern u ghandu kull awtorita` li jirtira l-kwota meta xi produttur illegalment ibiegh il-majjali.

Illi fid-29 t'Ottubru 1984, huma kitbu lil Comino Pig Breeding Company bhala Servizz Veterinarju fejn intqal li hu seta' jinghata sa mitejn majjal biex irabbi.  Minn hemm kien marbut b'arrangamenti li kien hemm mal-Comino Pig Breeding Company li kienet *policy* illi wiehed irid ihallas is-*share* kollu.  Jidher mid-dokumenti li kellhom li dan qatt ma hallas izjed minn *shareholding* ghal sittin majjal u b'hekk qatt ma telghu ghal mitejn majjal.

Ix-xhud spjega li l-kwota ma kienitx min-naha tad-dipartiment imma kienet min-naha tal-Comino Pig Breeding Company li ma setghux jaghtu majjali izjed mix-*sharholding* li kien hemm imhallas.  Hu gie mistoqsi l-*policy* minn fejn harget.  Hu qal mill-*authorisation* ta' l-industrija tal-majjali, u li kienet ghaddejja *in vigore* ghal kull produttur li kien hemm tal-majjali.

Hu spjega li kwota u *shareholding* differenti.  Il-kwota nhadmet fuq kemm kellhom majjali fuq ir-razzett u kemm kellhom *shareholding* imhallas fil-Comino Pig Breeding Company.  Wara li nholqot il-kwota, wara censiment li sar,

biex izidha ried jixtriha. Pero` wara li giet deciza l-kwota la d-dipartiment tas-Servizz Veterinarju u lanqas il-Ministeru ta' l-Agrikoltura ma seta' jaghti kwoti wara li giet deciza din il-kwota ghal kulhadd.

Hu spjega li kien hemm perjodu fejn ma kienx hemm kwota ta' qatla ghax il-produzzjoni kienet inqas mid-domanda. Allura sa dak iz-zmien min kellu bizzejjed post fir-razzett seta' ha l-majjali li joqghodu u kellu jhallas bilfors biex jehodhom ix-*shareholding*. Meta mbaghad zdiedet il-produzzjoni izjed mid-domanda, il-Gvern iddecieda illi kellha tinhadem kwota bil-mod kif diga gie spjegat. Il-kwota ma kinitx diskrezzjonali ghal persuna wahda, kienet ghall-produtturi kollha. Kienet *policy* tal-Gvern.

Ghar-rigward tat-trasferiment illegali li gie allegat hu xehed li meta marru fir-razzett ta' Michael Seychell ma kienux sabu l-majjali u kienu nstabu f'ta' Michael Axisa. Effettivament kien ghaddielu wkoll il-majjali li qed jipproduci cioe` li jinqatlu fil-biccerija. Ma kien hemm talba minn hadd minnhom lis-Servizz Veterinarju biex japprova t-trasferiment tal-kwota.

Hu gie mistoqsi jekk tali awtorizzazzjoni nghatatx mill-Ministru Debono Grech biex isir it-trasferiment qal li hu ma kienx jaf pero` l-procedura bil-ligi tghajjat lid-Direttur tas-Servizz Veterinarju. Skond ix-xhud il-Ministru ma kellu l-ebda dritt illi jghaddi l-permessi ta' kwota hu.

Gie mistoqsi jekk qattx qallu li kull ma ried jaghmel hu li jzid ix-*shareholding* fil-Comino Pig Breeding Company jekk ried illi s-*sow places* jizdiedu hu qal li din kienet policy li jafha kull produttur.

Xehed ukoll **Xmun Azzopardi** li qal li xtara mitejn baqra ghall-qtil. Il-kwota baqghet ghandu. Il-bejgh sar bl-awtorizzazzjoni tad-dipartiment.

C. <u>APPREZZAMENT TA' PROVI</u>.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-27 ta' Gunju 1979, il-Kummissarju ta' l-Artijiet ikkonceda b'titolu ta' sub-enfitewsi temporanju porzjoni ta' art sabiex jinbena fuqu razzett ghall-majjali u/jew hniezer, u fit-22 ta' Mejju 1981 kien hareg permess mill-PABB sabiex jinbena l-istess razzett.

Illi dan ir-razzett gie mibni mill-istess libellant, bi spiza allegata ta' Lm150,000 (li ma gietx sostenuta bl-ebda dokument), u dan apparti somma ohra ta' Lm25,000 ghar-ristrutturazzjoni tal-istess, li minnhom inghataw Lm6,000 sussidju mill-Gvern skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Franco Pellegrini datat 29 ta' Marzu 1985.

Illi jirrizulta wkoll li ghall-ewwel l-istess libellant kien irabbi l-baqar, izda dawn gew maqtula fid-9 ta' Gunju 1979, stante li kienu morda bil-*vocellosis*, u dawn ghalhekk kellhom jinqattlu, u *di piu* jirrizulta li l-libellanti kellu aktar annimali

milli fil-fatt kellu jzomm, tant li rrizulta li kellu 21 zejda u 22 animal li lanqas kellhom comb (fol 119).

Illi fi Frar 1983, kien inghatalu permess sabiex izomm 20 majjal u dan zdied ghall-60 majjal fin-1985. Din il-kwota kienet tinghata a bazi ta' kemm *shares* li l-bidwi kien ikollu mal-Comino Pig Breeding Company. Fil-fatt il-libellant kien hallas u akkwista 300 'B' shares fl-istess socjeta`, li kienet tintitolah ghal-60 majjal. Illi ghalkemm jirrizulta li d-Dipartiment tal-Agricoltura kien ikkonstata li tali razzett tal-libellant kien jiflah jiehu 200 majjal, ma jirrizultax mill-provi li fil-fatt qatt inghata xi permess ghall-200 majjal, u lanqas jirrizulta li l-libellant hallas xi *shares* fis-socjeta` fuq indikata sabiex jakkwista il-200 majjal.

Illi tali permess ta' 60 majjal gie rtirat fil-11 ta' Dicembru 1985 mill-istess Dipartiment peress li l-libellant biegh il-majjali minghajr il-permess tas-Servizz Veterinarju u peress li meta kellu jsir spezzjoni fir-razzett u l-libellant kien avzat bl-istess, ma kienx prezenti. Tali ittra tinsab esebita a fol 13 tal-process u tikkonferma l-istess, tant li jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Carmel Vella, id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji li mill-ispezzjoni li saret tar-razzett kien instab kompletament vojt mill-majjali.

Illi fuq talba tal-istess libellant, il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Sajd hareg kwota ta' 20 majjal lill-istess libellant bil-kundizzjoni li dawn ma setghux jigu trasferiti kif jirrizulta permezz ta' ittra datata 6 t'April 1987 (Dok XXI) a fol 103

tal-process. Tali kwota hija ekwivalenti ghall-qatla ta' 26 majjal fix-xahar, u wara "*buona gratia*" tal-Ministeru inghata kwota ta' 22 majjal, li wasslu ghat-total ta' kwota ta' 48 majjal fix-xahar, u din il-posizzjoni baqghet hekk sal-1991.

Illi pero`, nonostante l-kundizzjoni li l-libellant kien ristrett milli jitrasferixxi l-istess kwoti, f'Jannar 1993 kien biegh kwota ta' 22 lil Fidiel Magro u 26 kwota lil John Fenech, u dan gie awtorizzat mid-dipartiment b'*oversight*.

Illi minn dan kollu jirrizulta car li l-libellant ma ipprova bl-ebda mod li huwa kellu xi ftehim mal-Gvern li jinhariglu permess ghall-200 majjal, u lanqas gie ppruvat li qatt inhareg xi permess mill-Awtoritajiet relattivi ghall-istess ammont favur il-libellant.

Illi ghalhekk it-talba tal-libellant dwar dan certament ma tistax tigi milqugha peress li bl-ebda mod ma giet ippruvata; illi jidher li l-libellant hawwad il-fatt li l-farm tieghu gie ikkunsidrat li ghandu kapacita` li jzomm 200 majjal mal-hrug jew l-ghoti ta' permess li huma zewgt' affarijiet kompletament differenti.

Illi tali kapacita` ta' spazju tal-farm jidher li kienet tawtorizza lill-libellant biex jipprova jakkwista tali kwota, li kienet marbuta kemm mal-policy tal-Gvern u d-dipartiment dwar in-numru ta' majjali, u kemm ma l-akkwist tax-*shares* ta' l-istess rahhala fis-socjeta` Comino Pig Breeding Company jidher li l-libellant akkwista biss 300 'B' Shares li jintitolawh

ghall-kwota ta’ 48 majjal, liema kwota inghatat lilu, u ma ingabet ebda prova li l-libellanti ittanta jakkwista izjed shares fl-istess socjeta` li kienu jintitolawh ghall-kwota ta’ 200 majjal li r-razzett tieghu kien jesa’.

Illi minn dan isegwi li l-libellant stess ma ghamilx dak rikjest minnu sabiex jakkwista l-istess numru ta’ kwota minnu pretiz u dan in-nuqqas tal-libellant jimmina l-allegazzjoni tieghu li huwa biegh il-kwota ta’ 48 majjal li kellu ghaliex it-trobbija ta’ dan in-numru ma kienitx ekonomikament fattibili, ghas-semplici raguni li huwa hallas biss biex jakkwista l-istess numru, u qatt ma hallas biex jakkwista numru ikbar. Illi dan apparti li l-ftehim allegat dwar il-200 majjala qatt ma gie ppruvat.

Illi dwar il-baqar, jirrizulta li dawn gew meqruda u inbieghu minnu lill-terzi, anke minhabba mard fl-istess baqar. Irrizulta wkoll li lanqas mexa mar-regolamenti, stante li kellu numru ta’ bhejjem li lanqas kienu registrati, u b’hekk jidher li minhabba tali inkonsistenzi, l-permess ghall-istess ma baqax jezisti specjalment meta iddispona mill-istess annimali.

Inoltre ma jirrizulta minn imkien la li kien hemm il-ftehim allegat mal-intimat, u lanqas li l-libellant talab b’xi mod lil jerga’ jinghatalu permess ghall-istess baqar apparti li kien projbit li jixtri u jbiegh minhabba l-istess mard. Irrizulta wkoll li l-libellant ma kien dovut l-ebda kumpens mil-intimati stante in-natura tal-marda tal-istess bhejjem u ghalhekk

anke f'dan ir-rigward it-talbiet tal-libellant ghandhom ukoll jigu michdua.

Illi bla ebda dubju kien oneru tal-libellanti li jipprova l-allegazzjonijiet tad-drittijet minnu vantati u mill-atti processwali fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li l-pretenzjonijiet tal-libellanti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-libellat **tichad it-talbiet tal-libellant** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-libellant Michael Seychell.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Frar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Frar 2001**